**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Mejju, 2017

Rikors Nru : 63/17 AL

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. ILLI l-partijiet iżżewġu civilment nhar it-tnax ta' Awwissu, tas-sena elfejn u tlieta, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta taht in-numru progressiv elf erba' mija u tmintax tas-sena elfejn u tlieta (1418/2003) **ara dok. EG 1**;

2. ILLI minn dan iż-żwieġ twieldu zewgt it-tfal u cioe S fit-28 ta' Mejju, 2005 u Max fis-7 ta' Ottubru, 2007 u ghalhekk illum il-gurnata t-tnejn li huma ghadhom minorenni **ara dok. EG 2 u dok. EG 3**;

3. ILLI r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti *stante*:

    i. Illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament sa mill-15 ta' Frar tas-sena 2013, u dan skont ma jirrizulta minn paragrafu numru tletin (30) tal-kuntratt ta' firda taghhom datat 31 ta' Lulju, 2014 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala '**Dok. EG 4**');

    ii. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;

    iii. Illi ghar-rigward ta' manteniment pagabbli direttament lir-rikorrenti u lill-ulied il-partijiet ma hemmx kwistjonijiet l-ghaliex dawn qeghdin jithallsu. Hemm kwistjonijiet pero ghar-rigward ta' xi partijiet tal-kuntratt ta' firda fejn jidhlu obbligi da parti ta' l-intimat vis-à-vis r-rikorrenti, liema kwistjonijiet, ir-rikorrenti qeghda tirriserva d-dritt taghha li tivvanthom quddiem is-sede kompetenti fi stadju ulterjuri;

4. ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-*affidavit* hawn anness u immarkat bħala '**Dok. EG 5**'.

5. ILLI għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;

Talbet, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun *a tenur* tal-Artikolu 66 A *et seq* tal-Kaptitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. TIPPRONUNZJA l-ħall ta' żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fit-tnax ta' Awwissu, tas-sena elfejn u tlieta (12.08.2003);

2. TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha jikkonferma :

1. Illi hu ma jopponix ghat-talba tad-divorzju u pubblikazzjoni tad-digriet mar-Registru Pubbliku;
2. Izda fir-rigward tat-tielet paragrafu tal-premessi, hu wkoll ghandu r-riservi tieghu dwar kif ir-rikorrenti qeghda tabbuza fl-interpretazzjoni ta' uhud mill-klawsoli tal-kuntratt tas-separazzjoni, u ghahekk jirriserva il-posizzjoni tieghu mhux biss fis-sens li jiddefendi ruhu kontra kull azzjoni li tista tinoltra ir-rikorrenti fil-gejjieni, jirriserva ghalih kull azzjoni lilu spettanti sabiex irazzan l-abbuzi kontinwi tar-rikorrenti;
3. Illi bl-applikazzjoni tal-artikolu 66L tal-Kap. 16 li jiddisponi illi l-artikolu 62 (2) japplika f'dawn il-kazijiet, l-intimat qed jipponi illi ir-rikorrenti tibqa tuza kunjomu "B" u ghalhekk hu jitlob lill-Qorti li tordna li r-rikorrenti tirriveri lura ghal kunjom xbubitha li hu Cachia, u tordnalha illi fi zmien qasir u perentorju hi taghti l-avviz debitu lill-ufficjal inkarigat skont il-Kap. 258, u li fin-nuqqas tinsab hatja ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Frar, 2017;

Semghet lir-rikorrenti waqt is-seduta tas-26 ta' April, 2017 tikkonferma ir-rikors promotur bil-gurament taghha;

Rat illi l-intimat u l-avukat difensur tieghu imsejjhin tlett darbiet ma dehrux ghas-seduta tas-26 ta' April 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati mill-15 ta' Frar 2013 u legalment separati mill-31 ta' Lulju 2014;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi l-Qorti rat illi l-intimat fir-risposta tieghu oggezzjona illi r-rikorrenti tibqa izomm kunjomu u cioe' B u talab illi l-Qorti tordna illi r-rikorrenti tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, izda il-Qorti rat illi l-intimat bl-ebda mod ma ipprova illi huwa ser isofri xi pregudizzju jekk ir-rikorrenti tibqa izomm kunjomu u ghaldaqstant il-Qorti mhijiex tilqa' din it-talba tal-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.